II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/1203

tad-19 ta' Lulju 2021

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 rigward l-inklużjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 ([1]) jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023. Ġew stabbiliti volumi xierqa għal kull kwota tariffarja sabiex ikun żgurat li l-industrija tal-Unjoni jkollha provvista adegwata għal dak il-perjodu.

(2) Il-provvisti ta' ċerti prodotti tas-sajd fl-Unjoni preżentement jiddependu mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. F'dawn l-aħħar deċennji, l-Unjoni saret aktar dipendenti mill-importazzjonijiet biex tissodisfa l-konsum tal-prodotti tas-sajd. Sabiex ma tiġix ipperikolata l-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd tal-Unjoni, u biex tkun żgurata provvista adegwata għall-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu sospiżi d-dazji fuq l-importazzjoni tal-klamar ta' Patagonja, tal-aringi ppreservati fis-salmura, tal-aringi ffriżati, tal-qatgħat u l-ġwienaħ iffriżati tal-aringi, tal-qatgħat ta' ħut aħmar u ta' speċijiet diversi ta' ħut iffriżat fil-medda tal-kwoti tariffarji ta' volum xieraq.

(3) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ([2]) bejn l-UE u r-Renju Unit (TCA) ilu japplika proviżorjament mill-1 ta' Jannar 2021. It-TCA jipprevedi l-aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għall-prodotti tas-sajd oriġinarji. Iżda l-pajjiżi u t-territorji Brittanniċi ekstra-Ewropej (PTEE) ma għadhomx assoċjati mal-Unjoni u ma għadhomx igawdu mit-tnaqqis fit-tariffi fuq l-esportazzjoni ta' prodotti tas-sajd lejn l-Unjoni.

(4) Barra minn hekk, il-protokolli addizzjonali mal-Iżlanda ([3]) u n-Norveġja ([4]) li jipprevedu l-kwoti għal ċerti ħut u prodotti tas-sajd skadew fit-30 ta' April 2021. Billi n-negozjati dwar kwoti ġodda Ma kinux konklużi qabel l-iskadenza tal-protokolli addizzjonali, dak jista' jirriżulta fi skarsezza ta' prodotti tas-sajd mingħajr dazju għall-ipproċessar fl-Unjoni.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/1706 jiġi emendat skont dan.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 tat-13 ta' Novembru 2020 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023 (ĠU L 385, 17.11.2020, p. 3).

([2]) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

([3]) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 18).

([4]) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 22).

(6) Bħala rimedju għall-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni rigward it-telf tal-istatus preferenzjali tal-PTEE u bħala rimedju għall-konsegwenzi tal-iskadenza tal-protokolli addizzjonali man-Norveġja u l-Iżlanda, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplika retroattivament mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2020/1706 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (b) tal-Artikolu 4(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) it-tqattigħ fi ċrieki u fi strixxi għall-materjali li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0307 43 35, 0307 43 91, 0307 43 92 u 0307 43 99;";

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PODGORŠEK

ANNESS

Fit-tabella tal-Anness għar-Regolament (UE) 2020/1706, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

Nru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) (1)	Dazju fuq il-kwota	Perjodu tal-kwota
"09.2508	ex 0307 43 35	10	Klamar tal-ispeċi *Loligo gahi*, iffriżat, għall-ipproċessar	75 000	0 %	1.1.2021– 31.12.2023
09.2509	ex 1604 12 91	13 93	Aringi, mħawra u/jew ippreservati fil-ħall, fis-salmura, għall-ipproċessar	15 000 (piż nett mingħajr likwidu)	0 %	1.5.2021-30.4.2022
	ex 1604 12 99	16 17		7 500 (piż nett mingħajr likwidu)	0 %	1.5.2022 - 31.10.2022
09.2510	ex 0303 51 00	10 20	Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati, għall-ipproċessar (*)	10 000	0 %	1.5.2021 - 30.4.2022
				5 000		1.5.2022 - 31.10.2022
09.2512			Ħut iffriżat, għall-ipproċessar:	3 300	0 %	1.5.2021 - 30.4.2022
	0303 55 30	10	Sawrell taċ-Ċilì (*Trachurus murphyi*)	1 650	0 %	1.5.2022 - 31.10.2022
	ex 0303 55 90	95	Ħut ieħor ta' *Trachurus* spp., eskluż *Trachurus trachurus*, *Trachurus murphyi* u s-sawrell (scad) (*Caranx trachurus*)			
	0303 56 00	10	Cobia (*Rachycentron canadum*)			
	0303 69 90	10	Ħut ieħor			
	0303 89 90	11 21 30 91				
	0303 82 00	10	Raj u rebekkini (*Rajidae*)			
	0303 89 55	10	Awrat (*Sparus aurata*)			
09.2513	0304 86 00	20	Qatgħat tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati, għall-ipproċessar	25 000	0 %	1.5.2021 - 30.4.2022
	ex 0304 99 23	10 20	Ġwienaħ tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*) (miftuħin ktieb), iffriżati, għall-ipproċessar (*)	12 500	0 %	1.5.2022 - 31.10.2022
09.2514	0304 49 50	10	Qagħtat ta' ħut aħmar (*Sebastes* spp.), friski jew imkessħin, għall-ipproċessar	1 300	0 %	1.5.2021 - 30.4.2022
				650	0 %	1.5.2022 - 31.10.2022"

(1) Mogħti skont il-piż nett, sakemm ma jingħadx mod ieħor.
(*) Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju, ma għandhiex tingħata tgawdija tal-kwota tariffarja għall-prodotti ddikkjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera